Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) EDWARD FENECH ADAMI
President

14 ta' Awissu, 2008

ATT Nru. IX ta' l-2008

ATT li jintroduċi emendi fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-Accountancy u liġijiet oħra, u li jimplimenta d-Direttiva 2006/43/KE.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

Titolu fil-qosor u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* u liġijiet oħra.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

TAQSIMA I

Emenda ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Kap. 386.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kumpanniji, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-Arranġament ta' l-Att.

3. L-Arranġament ta' l-Att fl-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) f'Taqsima IV tiegħu, minflok il-kliem "51-66", għandhom jidħlu l-kliem "51-66A";

(b) f'Taqsima VI tiegħu, minflok il-kliem "327-329", għandhom jidħlu l-kliem "327-329B";

(ċ) f'Taqsima IX tiegħu, minflok il-kliem "Kapitolu III." għandhom jidħlu l-kliem "Kapitolu IV.", u minnufih wara l-kliem minn "Kapitolu II. Qsim bil-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda 374" għandhom jiżdiedu l-kliem "Kapitolu III. Qsim b'kombinazzjoni ta' qsim b'akkwist ma' qsim bil-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda 374A"; u

(d) Taqsima XI tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) minflok il-kliem "384-399" għandhom jidħlu l-kliem "384-399A"; u

(ii) minflok il-kelma "399" għandhom jidħlu l-kliem "399-399A".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1), minflok it-tifsira "awditur" għandu jidħol dan li ġej:

Kap. 281.

" "awditur"għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* jew regolamenti maħruġin taħtu.";

(b) fis-subartikolu (1), minnufih wara t-tifsira "strumenti tas-swieq tal-flus", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "suq regolat Malti" tfisser suq regolat li jkun debitament awtorizzat mill-awtorità kompetenti skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;";

(ċ) fis-subartikolu (1), it-tifsira "*exchange* ta' investiment rikonoxxut" għandha titħassar;

(d) fis-subartikolu (1), it-tifsira "borża rikonoxxuta" għandha titħassar;

(e) fis-subartikolu (1), minnufih qabel it-tifsira "suq regolat Malti", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "suq regolat" tfisser suq regolat kif imfisser fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, u tinkludi suq regolat Malti;"; u

(f) minflok is-subartikolu (4) għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Għall-finijiet ta' dan l-Att, "prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Professjoni ta ' l-*Accountancy*, jew f'regolamenti maħruġin taħtu.".

Emenda ta' l-artikolu 66 ta' l-Att prinċipali.

5. Minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (12) ta' l-artikolu 66 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 153 għandhom ikunu japplikaw għal awditur li jiġi maħtur skond m'hemm fil-paragrafu (a). Dak l-awditur m'għandux ikun persuna li kellu l-kariga ta' awditur tas-soċjetà in akkomandita jew tas-soċjetà limitata f'xi żmien matul l-aħħar tliet snin li jiġu minnufih qabel id-data tax-xoljiment.".

Emenda ta' l-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali.

6. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 74 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għal akkwisti fuq il-borża.", għandhom jidħlu l-kliem "għal akkwisti li jsiru fuq suq regolat jew fuq suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE.".

Emenda ta' l-artikolu 83 ta' l-Att prinċipali.

7. Minflok l-ewwel proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 83 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda jekk kreditur tal-kumpannija li d-dejn tagħha kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jopponi għal dan b'rikors ġuramentat ippreżentat fi żmien tliet xhur kalkolati kif hawn qabel imsemmi u jissodisfa lill-Qorti li minħabba fit-tnaqqis propost fil-kapital azzjonarju maħruġ it-twettiq tat-talbiet tiegħu jkun preġudikat u li ma tkun inkisbet ebda salvagwardja adegwata mingħand il-kumpannija, il-qorti għandha jew tilqa' l-oppożizzjoni jew tħalli t-tnaqqis wara li tingħata sigurtà biżżejjed:".

Emenda ta' l-artikolu 84 ta' l-Att prinċipali.

8. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 84 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Azzjoni li tittieħed mill-kumpannija biex tiżgura li l-valur ta' l-azzjonijiet tagħha fuq il-borża ma jinbidilx mill-valur nett ta' l-attiv tagħha", għandhom jidħlu l-kliem "Azzjoni li tittieħed mill-kumpannija biex tiżgura li l-valur ta' l-azzjonijiet tagħha kif kwotat f'suq regolat jew f'xi suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE ma jinbidilx mill-valur nett ta' l-attiv tagħha".

Emenda ta' l-artikolu 84A ta' l-Att prinċipali.

9. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 84A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (a) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) "kummerċ ta' assigurazzjoni" għandha l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilha fl-artikolu 2(1) ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u għandha tinkludi l-kummerċ ta' assigurazzjoni affiljata skond kif ordnat b'regolamenti maħruġin taħt l-Att, il-kummerċ ta' *manager* ta' l-assigurazzjoni u l-kummerċ ta' *broking* ta' l-assigurazzjoni taħt l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni;"; u

Kap. 403.

Kap. 487.

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt." għandhom jidħlu l-kliem "b'dak il-mod kif jista' jiġi ordnat; u għar-rigward tal-kummerċ ta' *manager* ta' l-assigurazzjoni, kif ukoll fil-kummerċ ta' *broking* ta' l-assigurazzjoni, riferenza għal "kumpannija" għandha tinkludi riferenza għal soċjetà *en commandite* jew għal korp magħqud simili jew ekwivalenti, li jkollu l-kapital tiegħu maqsum f'ishma.".

Emenda ta' l-artikolu 89 ta' l-Att prinċipali.

10. Fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 89 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ammessi għall-kummerċ fuq *exchange* ta' investiment rikonoxxut", għandhom jidħlu l-kliem "ammessi għall-kummerċ f'suq regolat ".

Emenda ta' l-artikolu 101 ta' l-Att prinċipali.

11. Artikolu 101 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mniżżla fuq *exchange* ta' investiment rikonoxxut f'Malta jew barra minn Malta.", għandhom jidħlu l-kliem "mniżżla f'suq regolat jew f'suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "kif jista', matul dawk il-wieħed u għoxrin jum, ikun notifikat lill-applikant għal permess minn jew f'isem il-borża.", għandhom jidħlu l-kliem "kif jista' jkun notifikat lill-applikant għal permess minn jew f'isem is-suq regolat jew suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE, matul dawk il-wieħed u għoxrin jum.".

Emenda ta' l-artikolu 106 ta' l-Att prinċipali.

12. Artikolu 106 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Kumpannija tista' takkwista xi azzjonijiet tagħha stess, iżda mhux

b'sottoskrizzjoni,", għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' trattament indaqs ta' l-azzjonisti li jkunu jgawdu l-istess drittijiet għar-rigward ta' l-ishma li huma jkollhom u għal kull disposizzjoni rilevanti ta' l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, kumpannija tista' takkwista xi azzjonijiet tagħha stess, iżda mhux b'sottoskrizzjoni,";
u

(b) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "inqas mill-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ", għandhom jidħlu l-kliem "inqas mill-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ u msejjaħ".

Emenda ta' l-artikolu 110 ta' l-Att prinċipali.

13. Fl-artikolu 110 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b) m'għandhomx ikunu japplikaw jekk il-kumpannija li tkun qegħda tagħti l-għajnuna finanzjara tkun kumpannija privata u jitwettqu dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) il-Bord tad-Diretturi jkun, wara li jqis xi tkun il-posizzjoni finanzjarja tal-kumpannija u l-obbligazzjonijiet tad-diretturi kif stabbiliti fl-artikolu 136A, iddeċieda permezz ta' vot affermattiv tal-maġġoranza tad-diretturi kollha li jiffurmaw il-Bord fil-waqt tad-deċiżjoni partikolari, li jawtorizza l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għal transazzjoni speċifika;

(b) tkun ittieħdet deċiżjoni straordinarja li tafferma d-deċiżjoni li tittieħed konformement mal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu; u

(ċ) dikjarazzjoni li ssir fil-forma ordnata u li tkun iffirmata minn żewġ diretturi li jikkonfermaw li l-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu jkunu ġew sodisfatti, tiġi ippreżentata kif imiss lir-Reġistratur qabel ma tingħata l-għajnuna finanzjarja, u l-firma ta' direttur wieħed tkun biżżejjed meta l-Bord ikun magħmul minn direttur wieħed biss.".

Emenda ta' l-artikolu 122 ta' l-Att prinċipali.

14. Is-subartikolu (12) ta' l-artikolu 122 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ikkwotata fuq *exchange* ta' investiment rikonoxxut" għandhom jidħlu l-kliem

"ikkwotata f'suq regolat Malti", u minflok il-kliem "biex l-*exchange* ta' investiment rikonoxxut jżomm ir-reġistru relevanti tad-detenturi ta' dawk is-sigurtajiet," għandhom jidħlu l-kliem "biex dak is-suq regolat Malti jżomm ir-reġistru relevanti tad-detenturi ta' dawk is-sigurtajiet,";

(b) fl-inċiż (i) tal-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "kopja ċertifikata tal-ftehim tar-rahan iffirmat lill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut," għandhom jidħlu l-kliem "kopja ċertifikata tal-ftehim tar-rahan iffirmat lis-suq regolat Malti,";

(ċ) fl-inċiż (iii) tal-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "tal-ftehim tar-rahan iffirmat lill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut" għandhom jidħlu l-kliem "tal-ftehim tar-rahan iffirmat lis-suq regolat Malti";

(d) fl-inċiż (iv) tal-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ma' avviż mogħti b'att ġudizzjarju lil min jirhan, lill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut u lill-kumpannija," għandhom jidħlu l-kliem "meta jingħata avviż permezz ta' att ġudizzjarju lil min jirhan, lis-suq regolat Malti u lill-kumpannija,", u minflok il-kliem "ikollha s-sigurtajiet mibjugħa permezz ta' *stockbroker* liċjenzat." għandhom jidħlu l-kliem "ikollha s-sigurtajiet mibjugħa permezz ta' persuna li jkollha liċenza kif imiss taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment."; u

(e) f'paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "kkwotati fuq Borża barranija preskritta,", għandhom jidħlu l-kliem "ikkwotati f'suq regolat li mhux suq regolat Malti jew f'suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE,", u minflok il-kliem "jkollha l-azzjonijiet mibjugħa bil-mezz ta' *stockbroker* liċenzjat." għandhom jidħlu l-kliem "jkollha l-azzjonijiet mibjugħa minn persuna li tkun awtorizzata kif imiss għal dan l-għan.".

Emenda ta' l-artikolu 153 ta' l-Att prinċipali.

15. Minflok l-artikolu 153 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Regoli ta' indipendenza ta' l-awditur u etika professjonali.

153. Awditur għandu f'kull żmien jaderixxi għar-regoli ta' indipendenza u etika professjonali stipulati fil-Kodiċi ta' etika u fir-regolamenti, direttivi jew linji gwida maħruġin minn żmien għal żmien skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*.".

Emenda ta' l-artikolu 156 ta' l-Att prinċipali.

16. L-artikolu 156 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (5) għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Għandhom ukoll jiġu msemmija fin-noti li jsiru mal-kontijiet separatament id-drittijiet kollha li jitħallsu lill-awditur għal:

(a) servizzi oħra ta' l-assigurazzjoni;

(b) servizzi ta' pariri dwar it-taxxa; u

(ċ) servizzi oħra li m'humiex dawk ta' verifika."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli (6) u (7) li ġejjin:

"(6) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) m'għandhomx ikunu japplikaw:

(a) meta impriża tkun inkluża fil-kuntest ta' kontijiet konsolidati ta' xi impriża oħra u l-informazzjoni meħtieġa bis-subartikolu (5) tkun provduta fin-noti għal dawk il-kontijiet konsolidati; jew

(b) għal kumpannija li fid-data tal-bilanċ totali tagħha, dik l-impriża ma tkunx teċċedi l-limiti ta' żewġ mit-tliet kriterji stipulati fl-artikolu 185(1)(a).

(ċ) minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b), l-informazzjoni speċifikata fis-subartikolu (5) għandha tingħata lill-Bord ta' l-*Accountancy* mwaqqaf skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* f'dak iż-żmien li jista' jiġi indikat mill-Bord ta' l-*Accountancy* għal dak l-għan.

(7) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) m'għandhomx ikunu japplikaw għal entità ta' interess pubbliku kif imfissra fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*.".

Emenda ta' l-artikolu 157 ta' l-Att prinċipali.

17. L-artikolu 157 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fl-artikolu 140." għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 140(1):" u minnufih wara l-artikolu 157(1) għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ proviso li ġejjin:

"Iżda awditur jista' biss jitneħħa mill-kariga li jkollu kif hawn qabel imsemmi jekk ikun hemm raġunijiet idonei għat-tkeċċija tiegħu:

Iżda wkoll diverġenza ta' fehmiet fuq sistemi ta' kontijiet jew proċeduri ta' verifiki ma jikkostitwux raġuni idonea għat-tkeċċija."; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) (a) Meta riżoluzzjoni li tneħħi awditur tgħaddi f'laqgħa ġenerali ta' kumpannija, il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il ġurnata tavża b'dan lir-Reġistratur biex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni. Il-kumpannija għandha wkoll, fl-istess perjodu, tikkonsenja lill-Bord dikjarazzjoni mill-kumpannija li fiha tingħata spjegazzjoni adegwata dwar ir-raġunijiet li wasslu għat-tneħħija ta' l-awditur. Jekk kumpannija tonqos milli tagħti l-avviż hawn qabel imsemmi lir-Reġistratur jew id-dikjarazzjoni hawn qabel imsemmija lill-Bord, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali dwar kull nuqqas, u għal kull ġurnata li matulha jkompli għaddej dak in-nuqqas huwa jista' jeħel piena oħra aktar minn hekk.

(b) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, il-Bord ikollu l-istess tifsira mogħti lilu fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*.".

Emenda ta' l-artikolu 159 ta' l-Att prinċipali.

18. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 159 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Awditur ta' kumpannija jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet ta' notifikazzjoni skond l-artikolu 17 ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, awditur ta' kumpannija jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu" u l-kliem "u għandu hekk jirriżenja jekk ma jibqax kwalifikat bħala awditur jew jekk jonqos li jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' kwalifika provduta fl-artikolu 153" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 167 ta' l-Att prinċipali.

19. L-artikolu 167 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "b'mod ċar u skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u skond il-ħtiġiet tal-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati" għandhom jidħlu l-kliem "skond il-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati";

(b) minflok il-proviso mas-subartikolu (2) għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda għandu jkun hemm konformità mat-tagħrif preskritt fl-inċiżi (m), (o) u (p) tal-paragrafu 31 tat-Taqsima III tat-Tielet Skeda.";

(ċ) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Meta l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux biżżejjed biex jagħtu dehra vera u ġusta fil-kuntest tat-tifsir mogħti lis-subartikolu (3), għandu jingħata tagħrif addizzjonali.";

(d) minflok is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

(5) "Meta f'każijiet eċċezzjonali l-applikazzjoni ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjoni li kontijiet individwali jkunu jagħtu dehra vera u ġusta, dik id-disposizzjoni għandha tiġi mwarrba sabiex tingħata d-dehra vera u ġusta. Kull twarrib ta' dik id-disposizzjoni għandu jiġi żvelat fin-noti mal-kontijiet flimkien ma' spjegazzjoni tar-raġunijiet għaldaqstant u dikjarazzjoni ta' l-effett tagħha fuq l-attiv, il-passiv, il-posizzjoni finanzjarja u l-qligħ jew it-telf."; u

(e) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 168 ta' l-Att prinċipali.

20. L-artikolu 168 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Banek li huma regolati bl-Att dwar il-Banek Kummerċjali, istituzzjonijiet finanzjarji li huma regolati bl-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u kumpanniji ta' l-assigurazzjoni li huma regolati bl-Att dwar il-Kummerċ ta' l-

Assigurazzjoni, m'għandhomx għalfejn japplikaw id-disposizzjonijiet tat-Tielet u r-Raba' Skedi.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-banek u istituzzjonijiet finanzjarji għandhom isegwu r-Regoli Bankarji u r-Regoli ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji li jinħarġu mill-awtorità kompetenti rilevanti taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, rispettivament, għar-rigward tal-forma u l-kontenut tal-kontijiet annwali tagħhom u ta' kull Regola oħra maħruġa mill-awtorità kompetenti f'dan ir-rigward." ; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jew jekk regolamenti ma jkunux hekk magħmula għandhom jimxu skond kull direttivi maħruġa mill-awtorità kompetenti dwarhom.", għandhom jidħlu l-kliem "u kull regola li tista' tinħareġ mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien.".

Emenda ta' l-artikolu 169 ta' l-Att prinċipali.

21. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 169 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kumpannija ta' investiment li jkollha kapital azzjonarju varjabbli għandha tħejji il-kontijiet partikulari tagħha skond il-forma stabbilita fil-Ħames Skeda.".

Emenda ta' l-artikolu 171 ta' l-Att prinċipali.

22. L-artikolu 171 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għall-artikoli 170 u 172 sa 174, u għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 u d-Disa Skeda daqskemm dan jista' jkun rilevanti għall-artikoli 170 u 172 sa 174, il-kontijiet konsolidati għandhom jiġu abbozzati skond il-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati:

Iżda t-tagħrif preskritt fl-inċiżi (m) tal-paragrafu 31 tat-Taqsima III tat-Tielet Skeda għandu japplika għall-kontijiet konsolidati bħallikieku l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni kienu kumpannija singola u t-tagħrif preskritt fis-sub-paragrafi (7) u (8) ta' paragrafu 22 tar-Raba' Skeda għandu japplika għall-kontijiet konsolidati.";

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Meta l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux biżżejjed biex jagħtu dehra vera u ġusta fil-kuntest tat-tifsir tas-subartikolu (3), għandha tingħata informazzjoni addizzjonali.";

(ċ) minflok is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Meta f'każijiet eċċezzjonali l-applikazzjoni ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjoni li kontijiet konsolidati jkunu jagħtu dehra vera u ġusta, dik id-disposizzjoni għandha tiġi mwarrba sabiex tingħata d-dehra vera u ġusta. Kull twarrib ta' dik id-disposizzjoni għandu jiġi żvelat fin-noti mal-kontijiet konsolidati flimkien ma' spjegazzjoni tar-raġunijiet għaldaqstant u dikjarazzjoni ta' l-effett tagħha fuq l-attiv, il-passiv, il-posizzjoni finanzjarja u l-qligħ u t-telf."; u

(d) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 173 ta' l-Att prinċipali.

23. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 173 ta' l-Att prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-artikolu 185:", għandhom jidħlu l-kliem "tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-artikolu 185(1)(a):"; u

(b) fil-proviso li hemm miegħu, minflok il-kliem "aċċettati fil-lista uffiċjali ta' *exchange* ta' investiment rikonoxxut." għandhom jidħlu l-kliem "aċċettati fil-lista uffiċjali f'suq regolat jew f'suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE.".

Emenda ta' l-artikolu 174 ta'l-Att prinċipali.

24. L-artikolu 174 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "rreġistrata taħt il-liġi ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "reġistrata taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' Stat ŻEE";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "disgħin fil-mija jew iktar tal-valur nominali" għandhom jidħlu l-kliem "iktar minn ħamsin fil-mija tal-valur nominali", u

minflok il-kliem "il-perċentwali li jifdal fil-valur nominali" għandhom jidħlu l-kliem "mhux inqas minn għaxra fil-mija tal-valur nominali";

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "rreġistrata taħt il-liġi ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "reġistrata taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' Stat ŻEE";

(d) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "stabbilita taħt il-liġi ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "stabbilita taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' Stat ŻEE", u minflok il-kliem "ekwivalenti għal dawk preskritti b'dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "ekwivalenti għal dak li hu meħtieġ b'dan l-Att."; u

(e) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jkunu fil-lista uffiċjali ta' *exchange* ta' investiment rikonoxxut.", għandhom jidħlu l-kliem "jkunu fil-lista uffiċjali ta' suq regolat jew ta' suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE.".

Emenda ta' l-artikolu 179 ta' l-Att prinċipali.

25. L-artikolu 179 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-*International Standards on Awditjaring*" għandhom jidħlu l-kliem "livelli ta' awditjar ġeneralment aċċettati"; u

(b) minflok is-subartikolu (8) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(8) Riferenzi f'dan l-artikolu għal firma mill-awdituri jirreferu, meta l-kariga ta' awditur tkun f'idejn soċjetà, għall-firma ta' prinċipal li jkun awtorizzat jiffirma f'isem dik is-soċjetà ta' awdituri.";

(ċ) minflok is-subartikolu (13) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(13) F'dan l-artikolu "soċjetà ta' awdituri", "livelli ta' awditjar ġeneralment aċċettati" u "prinċipal", għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, jew f'regolamenti maħruġin skond dak l-Att."; u

(d) minflok is-subartikolu (13) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(13) F'dan l-artikolu, "livelli ta' awditjar ġeneralment aċċettati" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* jew regolamenti maħruġin taħtu.".

Emenda ta' l-artikolu 183 ta' l-Att prinċipali.

26. Minflok iż-żewġ proviso mas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 183 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda meta l-kumpannija li tikkwalifika li tagħmel kontijiet annwali mqassra tkun kumpannija eżentata, din tista' tikkonsenja lir-Reġistratur il-karta tal-bilanċ mqassra tagħha biss, in-noti kollha tal-kontijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-karta tal-bilanċ u r-rapport ta' l-awdituri, u dan mingħajr ir-rapport tad-diretturi:

Iżda wkoll meta l-kumpannija eżentata li tikkwalifika li tagħmel kontijiet imqassra tkun kumpannija msemmija fl-artikolu 185(1)(b), din tista' tikkonsenja lir-Reġistratur il-karta tal-bilanċ imqassra tagħha biss u n-noti kollha mal-kontijiet rilevanti għall-finijiet tal-karta tal- bilanċ, u mingħajr rapport tad-diretturi u rapport ta' l-awdituri.".

Emenda ta' l-artikolu 185 ta' l-Att prinċipali.

27. L artikolu 185 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2), minflok il-kliem "tal-bilanċ sħiħa;" għandhom jidħlu l-kliem "tal-bilanċ sħiħa:";

(b) dan il-proviso għandu jiżdied mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2):

"Iżda kumpannija tista' minflok tagħżel li tippreżenta il-karta tal-bilanċ imqassra tagħha li tirriżulta skond m'hemm stabbilit fid-disposizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' dan is-subartikolu billi tintuża t-terminoloġija u jiġu abbozzati l-formoli skond il-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati, u f'dak il-każ id-disposizzjonijiet hawn qabel imsemmija ta' dan is-subartikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*;";

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), minflok il-kliem " "Formati tal-Kont tal-Qligħ u Telf." " għandhom jidħlu l-kliem " "Formati tal-Kont tal-Qligħ u Telf:" ";

(d) dan il-proviso għandu jiżdied mal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2):

"Iżda kumpannija tista' minflok tagħżel li tippreżenta l-kont ta' qligħ u telf imqassar tagħha li jirriżulta skond m'hemm stabbilit fid-disposizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' dan is-subartikolu billi tintuża t-terminoloġija u jiġu abbozzati l-formoli skond il-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati, u f'dak il-każ id-disposizzjonijiet hawn qabel imsemmija ta' dan is-subartikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*."; u

(e) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Kumpanniji msemmija fis-subartikolu (1) jistgħu jagħmlu noti mqassra mal-kontijiet fejn iħallu barra t-tagħrif preskritt bl-inċiżi (d) u (g) sa (o) ta' paragrafu 31 tat- Taqsima III tat-Tielet Skeda. In-noti mal-kontijiet għandhom madankollu jagħtu l-informazzjoni speċifikata fl-inċiż (j) ta' l-imsemmi paragrafu 31 kollha flimkien għall-partiti kollha in kwistjoni:

Iżda kumpanniji msemmija fis-subartikolu (1) jistgħu minflok jagħmlu noti mal-kontijiet skond il-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati billi:

(i) jitħalla barra, meta jkun rilevanti, kull tagħrif korrispondenti li jirriżulta minn konformità mal-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-inċiżi (d) u (g) sa (o) ta' paragrafu 31 tat-Taqsima III tat-Tielet Skeda; u

(ii) jekk il-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati jkunu jeħtieġu l-iżvelar ta' l-informazzjoni speċifikata fl-inċiż (j) tal-paragrafu 31 ta' Taqsima III tat-Tielet Skeda, fejn fin-noti mal-kontijiet tiġi żvelata dik l-informazzjoni li tinsab speċifikata fl-inċiż (j) ta' l-imsemmi paragrafu 31 bħala total għall-partiti kollha in kwistjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 187 ta' l-Att prinċipali.

28. L-artikolu 187 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tagħmel il-kontijiet annwali tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "tippreżenta l-kontijiet annwali tagħha";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "jsiru f'munita li ma tkunx l-euro" għandhom jidħlu l-kliem "jiġu ippreżentati f'munita li ma tkunx l-euro"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "fil-munita li fihom ikunu saru." għandhom jidħlu l-kliem "fil-munita li fiha jkunu ġew ippreżentati.", u minflok il-kliem "kemm fil-munita li fihom ikunu saru kif ukoll f'euro" għandhom jidħlu l-kliem: "kemm fil-munita li fiha jkunu ġew ippreżentati kif ukoll f'euro".

Emenda ta' l-artikolu 188 ta' l-Att prinċipali.

29. L-artikolu 188 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "jippermettu li kumpannija tagħmel il-kontijiet annwali tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "jippermettu li kumpannija tippreżenta l-kontijiet annwali tagħha"; u

(b) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "l-*International Accounting Standards* jew l-*International Standards on Auditing*" għandhom jidħlu l-kliem "prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati jew *standards* ta' awditjar li jkunu ġeneralment aċċettati.".

Emenda ta' l-artikolu 194 ta' l-Att prinċipali.

30. Minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 194 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) l-azzjonijiet tagħha jkunu mniżżlin f'suq regolat; u".

Emenda ta' l-artikolu 274 ta' l-Att prinċipali.

31. Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 274 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 153 għandhom ikunu japplikaw għal awditur li jiġi maħtur skond m'hemm fis-subartikolu (1). Dak l-awditur m'għandux ikun persuna li kellu l-kariga ta' awditur tas-soċjetà f'xi żmien matul l-aħħar tliet snin li jiġu minnufih qabel id-data tax-xoljiment.".

Emenda ta' l-artikolu 329B ta' l-Att prinċipali.

32. F'paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 329B ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "elenku ta' sigurtajiet f'*exchange* ta' investiment rikonoxxut," għandhom jidħlu l-kliem "elenku ta' sigurtajiet f'suq regolat Malti,".

Emenda ta' l-artikolu 348 ta' l-Att prinċipali.

33. Fl-artikolu 348 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw jekk l-azzjonisti kollha tal-kumpanniji kollha involuti fl-amalgamazzjoni jkunu hekk qablu.".

Emenda ta' l-artikolu 349 ta' l-Att prinċipali.

34. Minflok il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 349 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(e) meta jkun meħtieġ, ir-rapporti ta' l-esperti dwar l-amalgamazzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 359 ta' l-Att prinċipali.

35. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 359 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "għandhom isiru mhux iktar tard minn tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a);" għandhom jidħlu l-kliem "għandhom isiru mill-inqas xahar wara, u mhux iżjed tard minn tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a);"; u

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 358 (3)(ċ) għandhom", għandhom jidħlu l-kliem "id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm ma' l-artikolu 358 (3) għandhom".

Emenda ta' l-artikolu 391 ta' l-Att prinċipali.

36. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 391 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għal dak iż-żmien ikunu mniżżla fl-*exchange* ta' investiment rikonoxxut jew f'dik l-*exchange* ta' investiment l-oħra li tista' tiġi preskritta;" għandhom jidħlu l-kliem "għal dak iż-żmien ikunu mniżżla f'suq regolat jew f'xi suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE;".

Emenda ta' l-artikolu 395 ta' l-Att prinċipali.

37. L-artikolu 395 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali li tinsab miegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"Ċertifikat li jeżenta minn konformità mal-Parti B tat-Tieni Skeda.";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikunu mniżżla f'*exchange* ta' investiment rikonoxxut." għandhom jidħlu l-kliem "dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikunu mniżżla f'suq regolat Malti."; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "permess għal tniżżil f'*exchange* ta' investiment rikonoxxut" għandhom jidħlu l-kliem "permess għal tniżżil f'suq regolat Malti".

38. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 396 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "dwar applikazzjoni taħt dak l-artikolu lill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut," għandhom jidħlu l-kliem "dwar applikazzjoni taħt dak l-artikolu lil suq regolat Malti,". Emenda ta' l-artikolu 396 ta' l-Att prinċipali.

39. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendata kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 401 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subparagrafu (i) tal-paragrafu (d);

(b) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (d) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "jidhirlu xieraq;" għandu jidħol dan li ġej:

"jidhirlu xieraq:

Iżda kull dokument bħal dak għandu jinkiteb f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' Malta;"; u

(ċ) minnufih wara s-subparagrafu (i) tal-paragrafu (d) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subparagrafu (ii) ġdid li ġej:

"(ii) li jżomm, b'żjieda ma' kull dokument li jkun meħtieġ li jiġi konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu kif jinsab indikat fis-subparagrafu (i), traduzzjoni ta' kull dokument bħal dak li jista' jkun volontarjament konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu, u sakemm din tkun traduzzjoni awtentikata f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Kommunità.

Fil-każ li jinqala' xi kunflitt bejn dokument konsenjat skond id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (i) u xi traduzzjoni konsenjata volontarjament skond dan il-paragrafu, it-traduzzjoni jista' ma jkollhiex seħħ kontra terzi. It-terzi jistgħu, madankollu, iserrħu fuq it-traduzzjoni li tkun ġiet konsenjata volontarjament, kemm-il darba l-kumpannija ma ġġibx prova li t-terzi kienu jafu bil-verżjoni li kienet meħtieġa li tiġi konsenjata jew ippreżentata jew notifikata lir-Reġistratur.".

40. Fil-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 425 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "dwar kumpanniji kwotati fuq xi Emenda ta' l-artikolu 425 ta' l-Att prinċipali.

exchange ta' investiment rikonoxxut" għandhom jidħlu l-kliem "dwar kumpanniji kwotati fuq xi suq regolat jew suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

41. Minflok il-paragrafu (1) ta' l-artikolu 31 fit-Taqsima II tal-Parti B tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Rapport meħtieġ bil-paragrafu 27 jew 28 ta' din it-Taqsima għandu jsir minn *accountant* li jkun individwu li jkollu *warrant* biex jaġixxi bħala *accountant* maħruġa taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, jew ditta ta' *accountancy* reġistrata kif imiss taħt l-imsemmi Att.".

Emenda tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

42. Il-paragrafu 4 tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok is-subparagrafu (a) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) sigurtajiet trasferibbli li jkunu mdaħħlin fil-lista f'suq regolat Malti;";

(b) minflok is-subparagrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) sigurtajiet trasferibbli negozjati f'xi suq regolat ieħor jew f'suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE;"; u

(ċ) minflok il-kliem "Riferenzi fis-sub-paragrafu (ċ) ta' dan il-paragrafu għal sigurtajiet trasferibbli li jkunu għadhom kemm ħarġu huma għal sigurtajiet li mal-kondizzjonijiet tal-ħruġ tagħhom tkun inkluża garanzija li tkun se ssir applikazzjoni għad-dħul fil-lista ta' *exchange* ta' investiment rikonoxxut jew f'xi suq ieħor regolat.", għandhom jidħlu l-kliem "Riferenzi fis-sub-paragrafu (ċ) ta' dan il-paragrafu għal sigurtajiet trasferibbli li jkunu għadhom kemm ħarġu huma għal sigurtajiet li mal-kondizzjonijiet tal-ħruġ tagħhom tkun inkluża garanzija li tkun se ssir applikazzjoni għad-dħul fil-lista f'suq regolat Malti jew għad-dħul f'xi suq regolat ieħor jew f'xi suq ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat taż-ŻEE.".

Emenda tat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

43. It-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-titolu tagħha, minflok il-kliem "li biha jsiru" għandhom jidħlu l-kliem "li biha jiġu ippreżentati";

(b) il-paragrafu 1 tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) it-tifsira "Munita li biha jsiru l-kontijiet" għandha titħassar u minflokha tidħol din li ġejja:

"'"Munita li biha jiġu ippreżentati l-kontijiet" tfisser il-munita użata meta jiġu ippreżentati l-kontijiet annwali skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 187 ta' dan l-Att. Mal-bdil fil-munita li biha jiġu ippreżentati l-kontijiet b'konsegwenza ta' bdil fil-munita li fiha l-kapital azzjonarju ta' kumpannija jkun espress skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 186 ta' dan l-Att il-frażi "il-munita oriġinali li biha jiġu ippreżentati l-kontijiet" għandha tirreferi għall-munita li biha kienu jiġu ippreżentati l-kontijiet qabel il-bdil; u l-frażi "il-munita l-ġdida li biha jiġu ippreżentati l-kontijiet" għandha tirreferi għall-munita li biha jiġu ippreżentati l-kontijiet li tkun tapplika wara l-bdil, u fil-każi li l-bdil isir fl-ewwel żmien tal-kontijiet, tirreferi għall-munita li biha jiġu ippreżentati l-kontijiet li kienet tintuża li kieku ma jkunx sar dak il-bdil.";

(ii) it-tifsira "Munita barranija" għandha titħassar;

(iii) fit-tifsira "Rata ta' l-għeluq", minflok il-kliem "fil-munita li fiha jsiru l-kontijiet" għandhom jidħlu l-kliem "fil-munita li fiha jiġu ippreżentati l-kontijiet";

(iv) it-tifsiriet "Oġġetti monetarji" u "Medja annwali ta' rati tal-kambju" għandhom jitħassru;

(ċ) il-paragrafu 2 tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subtitolu tagħha minflok il-kelma "Regoli" għandha tidħol il-kelma "Regola";

(ii) il-paragrafu 2 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subparagrafu (1) tal-paragrafu u minfloku għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-kapital azzjonarju tal-kumpannija, il-kont tax-*share premium* tiegħu meta dan ikun japplika, u r-riservi tiegħu għandhom jiġu konveriti mill-munita li fiha

jiġu ippreżentati għall-munita ġdida li fiha jiġu ippreżentati skond ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' din l-Iskeda.";

(iii) minnufih wara s-subparagrafu (1) tal-paragrafu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subparagrafu (2) ġdid kif ġej:

"(2) L-oġġetti l-oħra kollha fil-kontijiet annwali tal-kumpannija, inklużi figuri komparattivi meta dawn ikunu japplikaw, għandhom jiġu ippreżentati fil-munita l-ġdida li fiha jiġu ippreżentati skond prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati.";

(d) il-paragrafu 3 tagħha għandu jitħassar;

(e) il-paragrafu 4 tagħha għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu 3 tagħha u:

(i) minflok it-titolu "Regoli dwar il-konverżjoni" għandu jidħol it-titolu "Regoli dwar il-konverżjoni għall-kapital azzjonarju u *share premium*";

(ii) fis-subparagrafu (1) tiegħu minflok il-kliem "kapital azzjonarju mħallas" għandhom jidħlu l-kliem "kapital azzjonarju msejjaħ";

(iii) fis-subparagrafu (2) tiegħu minflok il-kliem "kienu maħruġa." għandhom jidħlu l-kliem "kienu maħruġa mill-kumpannija.";

(iv) fis-subparagrafu (3) minflok il-kliem "munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet", kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "munita l-ġdida li biha jiġu ippreżentati l-kontijiet" u minflok il-kliem "il-kapital azzjonarju mħallas" għandhom jidħlu l-kliem "il-kapital azzjonarju msejjaħ";

(v) fil-proviso mas-subparagrafu (3) minflok il-kliem "jew għal kull klassi ta' azzjonijiet ordinarji safejn il-valur nominali kull azzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "jew għal kull klassi ta' azzjonijiet ordinarji u ta' preferenza safejn il-valur nominali għal kull azzjoni";

(f) il-paragrafu 5 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu 4 u għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) għandu jiżdied subtitolu ġdid miegħu kif ġej:

"Regoli dwar il-konverżjoni għal riservi.";

(ii) minflok is-subparagrafu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ir-riservi li jinħolqu mill-profitti, inklużi profitti miżmuma, u telf akkumulat għandu jiġi konvertit bil-medja annwali ta' rata jew rati tal-kambju li jappartjenu għall-perjodu jew perjodi ta' kontijiet li matulhom il-profitti u t-telf li minnhom inħolqu dawk ir-riservi jew telf akkumulat, ġew maqlugħa jew imġarrba.";

(iii) minflok is-subparagrafu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ir-riservi li jkunu għadhom mhux imsejħa minn profitti għandhom jiġu konvertiti bir-rata jew bir-rati tal-kambju applikabbli fid-data jew fid-dati meta nħolqu dawk ir-riservi."; u

(iv) is-subparagrafi (3), (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jitħassru;

(g) minflok il-paragrafu 6 għandu jidħol dan il-paragrafu 5 ġdid li ġej:

(i) għandu jiżdied dan is-subtitolu miegħu kif ġej:

"Id-differenza fil-konverżjoni tal-munita li fiha tiġi ippreżentata";

(ii) minflok is-subparagrafi (1) sa (4) għandha tidħol din id-disposizzjoni li ġejja:

"5. Meta wara li ssir konverżjoni fil-munita li fiha tiġi ippreżentata, jirriżulta li jkun hemm differenza fil-konverżjoni tal-munita li fiha tiġi ippreżentata, din m'għandhiex tiġi rikonoxxuta fil-kont tal-profitti u telf tal-kumpannija imma għandha tkun rikonoxxuta bħala komponenti separata ta'

ekwità, u għandha tiġi ikkunsidrata bħala qliegħ mhux realizzat jew bħala telf realizzat skond ma jkun japplika.";

(h) minflok il-paragrafu 7 għandu jidħol il-paragrafu 6 ġdid li ġej:

(i) għandu jiżdied subtitolu miegħu kif ġej:

"Żvelar";

(ii) minflok is-subparagrafi (1) sa (3) għandha tidħol din id-disposizzjoni li ġejja:

"(6) Fl-ewwel kontijiet annwali wara l-konverżjoni, in-noti għandhom jinkludu d-dettalji kollha tal-metodu kif tkun saret il-konverżjoni u r-rati ta' kambju użati għall-kapital azzjonarju tal-kumpannija, il-kont tax-*share premium* tiegħu meta dan ikun japplika, u r-riservi tiegħu."; u

(i) il-paragrafi 8 u 9 tiegħu għandhom jitħassru.".

Emenda ta' l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

44. L-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

"(a) fil-paragrafu 3(1)(a) tagħha, minflok il-kliem "stabbilita permezz ta' linji ta' gwida maħruġa mill-awtorità kompetenti", għandhom jidħlu l-kliem "stabbilita permezz ta' Regoli dwar Servizzi ta' Investiment maħruġa mill-awtorità kompetenti";

(b) minflok il-paragrafu 14(3) fit-Taqsima I tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-kontijiet individwali għandhom isiru b'mod ċar u jintgħamlu skond prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati.";

(ċ) il-paragrafu 25(8)(h) fit-Taqsima I tagħha għandu jiġi emendat billi minflok il-kliem "għandha tagħmel il-kontijiet annwali tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "għandha tippreżenta l-kontijiet annwali tagħha"; u

(d) minflok il-paragrafu 25(8)(k) fit-Taqsima I tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"(k) Għall-finijiet tas-subparagrafi (h) u (j), il-konverżjoni mill-munita bażi ta' sotto-klassi f'munita li fiha jsiru l-kontijiet annwali tas-soċjetà umbrella jew *multi-class* għandha tiġi ippreżentata skond prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati. Din in-nota għandha titniżżel fin-noti li jsiru mal-kontijiet.".

Emenda tal-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

45. Fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, fil-linja relattiva għall-Artikolu 159(3), minflok il-kliem "Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jagħtu avviż lir-Reġistratur dwar riżenja ta' awdituri" għandhom jidħlu l-kliem "Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu milli jagħtu avviż lir-Reġistratur jew li jonqsu milli jagħtu dikjarazzjoni lill-Bord ta' l-*Accountancy* dwar riżenja ta' awditur ".

TAQSIMA II

Emenda ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*.

Kap. 281.

46. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

47. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "*accountant*" minflok il-kliem "tinkludi individwu jew soċjetà ta' *accountants*" għandhom jidħlu l-kliem "tfisser detentur ta' *warrant* jew ditta ta' *accountancy*.";

(b) (i) minnufih wara t-tifsira "Bord" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "ditta ta' *accountancy*" tfisser soċjetà li tista' tkun kemm soċjetà ċivili kemm soċjetà kummerċjali u tinkludi kumpannija, iffurmata skond l-artikolu 10 ta' dan l-Att u kull intrapriża konnessa;";

(ii) minnufih wara t-tifsira "accountant" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "awditjar" tfisser l-awditjar ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji storiċi u tinkludi l-awditjar; il-kliem "verifika" u "jagħmel verifika" għandhom jiftiehmu skond din it-tifsira;";

(iii) minnufih qabel it-tifsira "korp ta' *accountancy* approvat" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "klijent ta' awditjar" tfisser entità li fir-rigward tagħha awditur jagħmel verifika;";

(iv) minnufih wara t-tifsira ġdida "ditta ta' *accountancy*" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "ditta ta' awditjar" soċjetà ċivili jew soċjetà kummerċjali, inkluża kumpannija li tkun awtorizzata tipprattika fis-settur ta' awditjar skond l-artikolu 10 u kull intrapriża konnessa;";

(v) minnufih wara t-tifsira ġdida "awditjar" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "awditur" huwa detentur ta' ċertifkat ta' prattika biex jeżerita l-prattika fis-settur ta' awditjar u tinkludi ditta ta' awditjar;";

(ċ) (i) minnufih wara t-tifsira ġdida "ditta ta' awditjar" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "katina ta' kmand" għandu jkollha t-tifsira preskritta mill-Bord minn żmien għal żmien;";

(ii) minnufih wara t-tifsira "preskritt" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati" tfisser il-prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati u kif imfissra fir-regolamenti magħmulin mill-Ministru skond l-artikolu 8 ta' dan l-Att;"

"prinċipal responsabbli għall-konformità" tfisser prinċipal ta' ditta, li, meta jkun qiegħed jaġixxi għan-nom ta' u taħt l-istruzzjonijiet ta' dik id-ditta, ikun responsabbli biex jiżgura konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew tar-regolamenti jew direttivi maħruġin taħtu, u fil-każ ta' prattikant uniku, huwa għandu, f'kull każ, ikun il-prattikant uniku;";

(iii) minnufih wara t-tifsira ġdida "ditta ta' awditjar" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "intrapriża konnessa" tfisser intrapriża li tkun effettivament ġestita jew promossa bħala prattika waħda mad-ditta jew bħala intrapriża relatata mad-ditta;";

(iv) minnufih qabel it-tifsira ġdida "ditta ta' *accountancy*" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "dikjarazzjonijiet finanzjarji" tfisser il-kontijiet individwali ta' entità jew il-kontijiet konsolidati ta' grupp ta' entitajiet;

"ditta" tfisser ditta ta' awditjar jew ditta ta' *accountancy*;";

(v) minnufih wara t-tifsira "preskritt" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru u ta' l-Unjoni Ewropea.";

(d) (i) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

"*network*" tfisser dik l-istruttura akbar li tkun:

(i) tħares lejn il-koperazzjoni u li awditur ikun jappartjeni għaliha; u

(ii) b'mod ċar tħares lejn proprjetà, kontroll jew ġestjoni komuni li jikkonsistu f'parteċipazzjoni fil-profitti jew fl-ispejjeż jew f'ishma, *policies* u proċeduri ta' kwalità ta' kontroll komuni, strateġija kummerċjali komuni, l-użu ta' isem kummerċjali komuni jew parti sinfikanti ta' riżorsi professjonali;";

(ii) minnufih wara t-tifsira "korp ta' *accountancy* approvat" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "ma jkunx jeżerċita" tfisser persuna naturali li, għal mill-inqas tliet snin qabel ma jkun involut fit-tmexxija tal-Bord jew ta' xi kumitat imwaqqaf taħtu ma jkun għamel ebda awditjar statutorju, ma kellu ebda dritt li jivvota f'xi ditta ta' awditjar, ma kienx membru ta' xi korp amministrattiv jew ta' tmexxija ta' ditta ta' awditjar u ma kienx impjegat minn, jew xort'oħra assoċjat ma' xi ditta ta' awditjar;";

(iii) minnufih qabel it-tifsira ġdida "dikjarazzjonijiet finanzjarji" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "ċertifikat ta' prattika" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 4(2)";

(e) minflok it-tifsira "preskritt" għandu jidħol dan li ġej:

" "preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti jew direttivi taħt dan l-Att;";

(f) (i) minnufih qabel it-tifsira ġdida "prinċipal responsabbli għall-konformità" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

"prinċipal" tfisser kull membru tal-korp amministrattiv jew ta' ġestjoni ta' ditta u kull persuna li tiffirma rapport għannom tad-ditta; u fil-każ ta' ditta ta' awditjar, individwu li jagħmel awditjar għan-nom tad-ditta inkluż dak l-individwu li jiffirma r-rappot ta' l-awditjar, l-individwu li kien responsabbli biex imexxi dik l-attività, ir-reviżur ta' l-attività li tirrigwarda l-kontroll tal-kwalità u kull persuna oħra filkatina ta' kmand għar-rigward ta' dak l-awditjar;";

(ii) minnufih qabel it-tifsira ġdida "intrapriża konnessa" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "entità ta' interess pubbliku" tfisser entità li jkollha t-titoli trasferibbli tagħha ammess għall-kummerċ f'suq regolat ta' Stat Membru fil-kuntest tat-tifsira li hemm f'punt 14 ta' l-artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, istituzzjoni ta' kreditu kif imfissra f'punt 1 ta' l-artikolu 1 tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 li għandu x'jaqsam mal-bidu u l-ġestjoni tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, ta' intrapriża ta' assigurazzjoni filkuntest tat-tifsira ta' l-artikolu 2(1) tad-Direttiva 91/674/KEE u ta' dawk l-entitajiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti mill-Bord; referenzi għad-direttivi f'din it-tifsira għandhom jinkludu kull leġislazzjoni oħra li temenda jew tissostitwixxi lil dawk iddirettivi;";

(iii) minnufih wara t-tifsira ġdida "awditjar" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "awditjar statutorju" tfisser l-awditjar ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji kif preskritt bil-liġi;

(iv) minnufih wara t-tifsira ġdida "*network*" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx Stat Membru;";

(v) minnufih qabel it-tifsira ġdida "entità ta' interess pubbliku" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "entità ta' awditjar ta' pajjiż terz" tfisser entità, minkejja l-forma legali li tista' tieħu, li tagħmel l-awditjar ta' entitajiet inkorporati f'pajjiż terz;";

(vi) minnufih wara t-tifsira ġdida "awditur" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "awditur ta' pajjiż terz" tfisser individwu li jagħmel l-awditjar ta' entità inkorporata f'pajjiż terz;";

(vii) minnufih wara t-tifsira ġdida "ċertifikat ta' prattika" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "detentur ta' *warrant*" tfisser persuna li jkollha *warrant* maħruġ skond l-artikolu 4(1);"; u

(g) minnufih wara s-subartikolu (2) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) F'dan l-Att u f'kull regolamenti, direttivi jew linji gwida li jsiru taħtu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, jipprevali t-test Ingliż.".

48. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "ma jkollux *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 4" għandhom jidħlu l-kliem "ma jkollux *warrant*";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) minflok il-kliem "kondotta tajba u ta' karattru morali tajjeb" għandhom jidħlu l-kliem "reputazzjoni tajba";

(ċ) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) hija tkun:

(i) temmet b'suċċess il-kors li jwassal għall-grad ta' Baciller ta' l-Arti (Bl-Unuri) fl-*Accountancy*, organizzat mill-Università ta' Malta; jew

(ii) kisbet dħul fl-università jew livell ekwivalenti, mbagħad tkun temmet kors ta' struzzjoni teoretika rikonoxxut mill-Bord;

Iżda f'kull każ, il-korsijiet imsemmija f'dan is-subartikolu għandhom ikopru dawk is-suġġetti f'dawk il-livelli li jistgħu jiġu preskritti;";

(d) minflok il-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) għandu jidħol dan li ġej:

"(d) kemm-il darba ma tkunx koperta bil-korsijiet imsemmija fis-subartikolu (ċ), tkun għaddiet minn eżami, li parti minnu jew kollu kemm hu għandu jkun bil-miktub, ta' kompetenza professjonali li jkollu livell ta' eżami finali jew ekwivalenti bħal dak ta' Università, li jkun rikonoxxut jew li jsir mill-Bord għal dak l-għan:

Iżda l-Bord għandu jiżgura li fil-każ ta' applikazzjoni għal ċertifkat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar, l-eżami ta' kompetenza professjonali msemmi f'dan is-subartikolu jkun ikopri adegwatament il-livell neċessarju ta' konoxxenza teoretika tas-suġġetti preskritti rilevanti għall-awditjar kif ukoll il-kapaċità li dik il-konoxxenza tiġi applikata fil-prattika:

Iżda wkoll meta persuna tkun temmet kors ta' struzzjoni teoretika u għaddiet minn eżami ta' kompetenza professjonali ta' livell ta' eżami finali jew ekwivalenti bħal dak ta' Università dwar il-professjoni ta' l-*accountancy* u li jkun rikonoxxut mill-Bord iżda li ma kienx ikopri lil kull wieħed mis-suġġetti preskritti, il-Bord jista' jaċċetta dik il-kwalifika wara li dik il-persuna tkun għaddiet minn dak l-eżami jew dawk l-eżamijiet fil-liġijiet lokali u f'dawk is-suġġetti l-oħra skond ma l-Bord jista' jistabbilixxi skond iċ-ċirkostanzi partikolari;";

(e) minnufih wara l-paragrafu (d) għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) tkun tissodisfa lill-Bord li jkollha esperjenza adegwata fil-prattika ta' l-*accountancy* għal perjodu aggregat ta' tliet snin, li minnhom l-ekwivalenti ta' mill-inqas sena esperjenza għandha tinkiseb wara li l-persuna tkun kisbet il-kwalifiċi akkademiċi msemmija fil-paragrafu (ċ).";

(f) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kliem "wara konsultazzjoni mal-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "bil-parir tal-Bord";

(g) fis-subartikolu (5) tiegħu, minnufih wara l-kliem "sabiex tikseb *warrant*" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ċertifikat ta' prattika"; u

(h) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "meta ma tkunx id-detentur tal-*warrant* xieraq" għandhom jidħlu l-kliem "meta ma tkunx detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar," u minflok il-kliem "ta' mhux iżjed minn mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mitt euro (2,300.00).".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

49. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fuq ir-rakkomandazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "bil-parir";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "skond ma jista' jiġi preskritt mill-Ministru, li jaġixxi bir-rakkomandazzjoni tal-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "skond ma jista' jiġi preskritt";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-Bord għandu joħroġ ċertifikat ta' prattika biex tiġi eżerċitata l-prattika fis-settur ta' l-awditjar f'Malta lil individwu li jkun ta' fama tajba li jkun awditur approvat f'xi Stat Membru sakemm dak l-individwu jkun għadda, għas-sodisfazzjon tal-Bord, test ta' abilità, li jkun ikopri l-liġijiet u r-regolamenti lokali li huma rilevanti għall-awditjar, stabbiliti mill-Bord għal dan l-għan.";

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar jiġi rtirat għal xi raġuni jew oħra, il-Bord għandu jikkomunika dak il-fatt u r-raġunijiet għal dak l-irtirar lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' l-Istati Membri fejn l-awditur ikun ukoll approvat.";

(e) minnufih wara s-subartikolu (4) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Il-Ministru li jaġixxi bir-rakkomandazzjoni tal-Bord jista' jagħmel regolamenti li jkunu jippreskrivu l-kwalifiki meħtieġa għall-ħruġ ta' ċertifikati skond is-subartikoli (2), (3) u (6) kif ukoll biex jirregola kif dawn jiġu sospiżi, irtirati jew it-teħid ta' kull miżura oħra regolatorja li tista' tkun raġonevolment meħtieġa biex tipproteġi l-interess pubbliku."; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (5) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Bla ħsara għar-reċiproċità u bla ħsara għal dawk ir-regoli li l-Bord jista' jippreskrivi, il-Bord jista' joħroġ ċertifikat ta' prattika sabiex tiġi eżerċitata l-prattika fis-settur ta' l-awditjar lil awditur ta' pajjiż terz jekk il-Bord ikun sodisfatt li dak l-individwu jkollu pussess tal-kwalifiki stabbiliti fl-artikolu 3(2), li jkun għadda test ta' abilità li jagħmillu l-Bord skond is-subartikolu (3) u li jkun jissodisfa kull kundizzjoni oħra li tista' tiġi preskritta.".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

50. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 5 sħiħ, u minflok il-kliem "Id-detentur ta' *warrant* li jinħareġ taħt l-artikolu 4" għandhom jidħlu l-kliem "Detentur ta' *warrant*" u s-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

51. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "sitt membri oħra, li" għandhom jidħlu l-kliem "għaxar membri oħra, li lkoll kemm huma għandu jkollhom konoxxenza fis-settur ta' l-awditjar u l-kontijiet, u li";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Bord għandu jkun magħmul minn:

(a) president li jkollu fama u esperjenza rikonoxxuta fil-professjoni ta' l-*accountancy* u li ma jkunx jeżerċita;

(b) persuna li ma tkunx teżerċita u li tkun nominata mill-Università ta' Malta minn fost lista ta' mhux inqas minn żewġ persuni li jiġu nominati minn dik l-università minn fost il-membri tal-persunal ta' l-għalliema tal-Fakultà jew Fakultajiet li fihom ikun

organizzat it-tagħlim u r-riċerka fis-settur ta' l-*accountancy*;

(ċ) uffiċjal anzjan mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi li jkun persuna li ma tkunx teżerċita;

(d) żewġ membri rakkomandati minn korp ta' l-*accountancy* rikonoxxut minn fost lista ta' mhux inqas minn erba' membri li jiġu nominati minn dak il-korp;

(e) tliet membri li jkunu *accountants* eżerċenti u li jkollhom *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 4(1); u

(f) tliet membri oħra li ma jkunux jeżerċitaw."; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kelma "erbgħa" għandha tidħol il-kelma "sitta";

52. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu –

(i) minflok il-kliem "jkollu l-funzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "jkollu l-funzjonijiet li ġejjin";

(ii) minflok il-paragrafu (a) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) li jikkunsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrants* jew ċertifikati ta' prattika taħt l-artikolu 4 u li jagħti parir lill-Ministru;";

(iii) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "*accountants* pubbliċi ċertifikati" għandhom jidħlu l-kliem "detenturi ta' *warrant* jew detenturi ta' ċertifikat ta' prattika";

(iv) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) li jieħu dawk il-miżuri li jistgħu raġonevolment ikunu meħtieġa biex iħarsu l-interess pubbliku u l-integrità tal-professjoni inkluż kull għemil ta' restrizzjonijiet, l-imposizzjoni ta' multi u miżuri simili oħra fuq id-detentur ta' *warrant*s u d-detentur ta' ċertifikat ta' prattika li f'ebda każ m'għandhom ikunu

jeċċedu t-tnax-il elf euro (12,000.00) għal kull detentur ta' *warrant* jew ditta.";

(v) minnufin wara l-paragrafu (ċ) tiegħu, għandhom jidħlu l-paragrafi (d), (e), (f), (g), (h) u (i) li ġejjin:

"(d) li jagħti pariri, jew jagħmel rakkomandazzjonijiet jew xort'oħra jesprimi l-veduti tiegħu lill-Ministru fuq kull ħaġa li l-Ministru għandu jikkonsulta dwarha mal-Bord jew li dwarha l-Bord għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru jew li dwarha l-Ministru jipprova jikseb il-veduti tal-Bord;

(e) li jwettaq dawk l-affarijiet kollha li jistgħu jikun meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mid-Direttiva 2006/34/KE;

(f) li jistabbilixxi proċeduri dwar ir-reġistrazzjoni msemmija fis-subartikolu (4);

(g) li tiġi operata sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità adatta;

(h) li jiġu pubblikati linji gwida fuq l-interpretazzjoni ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* u r-regolamenti u direttivi maħruġin taħtu; u

(i) dawk il-funzjonijiet l-oħra li huma jew li jistgħu jiġu assenjati lill-Bord b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra jew li jiġu delegati lill-Bord mill-Ministru.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "paragraph of" fit-test Ingliż biss għandhom jitħassru u minflok il-kliem "jista' jagħtihom." għandhom jidħlu l-kliem "jista' jagħtihom, inkluż iżda mhux limitat għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Fl-eżerizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(e), il-Bord ikun jista' jiskambja informazzjoni kunfidenzjali ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra.";

(d) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Il-Bord għandu jżomm reġistru aġġornat, fejn ikun jidentifika separatament dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

(a) id-detenturi ta' *warrant* u d-detenturi ta' ċertifikati ta' prattika;

(b) ditti ta' awditjar u ditti ta' *accountancy;* u

(ċ) awdituri ta' pajjiżi terzi u entitajiet ta' awditjar ta' pajjiżi terzi.";

(e) minflok is-subartikolu (5) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Il-Ministru jista' fuq rakkomandazzjoni tal-Bord, jippreskrivi d-dettalji li għandhom jitniżżlu fir-reġistru."; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli (6) sa (20) li ġejjin:

"(6) Il-Bord għandu jirreġistra, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, lil kull awditur ta' pajjiż terz u lil kull entità ta' awditjar ta' pajjiż terz li tipprovdi rapport ta' awditjar dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' kumpannija inkorporata barra mill-Unjoni Ewropea li jkollha t-titoli trasferibbli tagħha ammessi għall-kummerċ f'suq regolat f'Malta fil-kuntest tat-tifsira tal-punt 14 ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, ħlief meta l-kumpannija tkun l-emittent esklużiv ta' titoli ta' debitu li jkunu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat fi Stat Membru fil-kuntest tat-tifsira ta' l-artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2004/109/KE, li jkollhom denominazzjoni għal kull unità ta' mill-inqas ħamsin elf euro (50,000) jew, fil-każ ta' titoli ta' debitu denominati f'munita oħra, li jkunu ekwivalenti fid-data tal-ħruġ tagħhom, għal mill-anqas ħamsin elf euro (50,000).

(7) Ir-rapport ta' l-awditjar, imsemmi fis-subartikolu (6), m'għandu jkollu ebda effett legali sakemm l-awditur ta' pajjiż terz jew l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz ma jkunux ġew reġistrati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(8) L-awdituri ta' pajjiżi terzi u l-entitajiet ta' awditjar ta' pajjiż terz reġistrati għandhom *mutatis mutandis,* ikunu

soġġetti għar-regoli, obbligazzjonijiet, penalitajiet u reati taħt dan l-Att jew regolamenti jew direttivi maħruġin taħtu:

Iżda awditur ta' pajjiż terz jew entità ta' awditjar ta' pajjiż terz tista' tkun eżenti milli tkun soġġetta għal l-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità jekk sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità oħra li tkun tappartjeni lil xi Stat Membru jew pajjiż terz li tkun valutata bħala ekwivalenti mill-Bord skond is-subartikolu (9) tkun wettqet reviżjoni ta' kwalità ta' l-awditur ta' pajjiż terz jew ta' entità ta' awditjar involuta matul it-tliet snin ta' qabel.

(9) Il-Bord jista' abbażi ta' reċiproċità ma japplikax jew jibdel il-ħtiġiet li hemm provdut dwarhom fis-subartikoli (6) u (8) jekk l-awdituri ta' pajjiżi terzi jew l-entitajiet ta' awditjar ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal sistemi ta' sorveljanza pubblika, assikurazzjoni ta' kwalità u investigazzjonijiet u penalitajiet fil-pajjiż terz li huma ekwivalenti għal dawk taħt dan l-Att jew taħt regolamenti u direttivi maħruġin taħtu.

(10) L-ekwivalenza msemmija fis-subartikolu (9) għandha tiġi valutata mill-Bord li jista' wkoll jinvoka l-valutazzjonijiet li jkunu saru minn xi Stat Membru iehor.

(11) Il-Bord jista' jirreġistra awditur ta' pajjiż terz u entità ta' awditjar ta' pajjiż terz skond d-disposizzjoni tas-subartikolu (6) biss jekk:

(a) ikollha fama tajba;

(b) l-awditur ta' pajjiż terz jew l-awditur ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jagħmel l-awditjar għan-nom ta' l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz jkollha kwalifiki li jkunu ekwivalenti għal dawk stipulati fl-artikolu 3(2);

(ċ) fil-każ ta' entità ta' awditjar ta' pajjiż terz, il-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv jew ta' maniġġ ta' l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz ikun konformi mal-ħtiġiet li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fl-artikolu 10(6);

(d) l-awditjar imsemmi fis-subartikolu (6) isir skond *standards* ta' awditjar internazzjonali u jkun konformi mal-ħtiġiet ta' indipendenza, oġġettività u d-

drittijiet ta' awditjar stabbiliti f'dan l-Att jew mill-Bord jew ma' *standards* u ħtiġiet ekwivalenti; u

(e) tippubblika fuq il-*website* tagħha rapport ta' trasparenza annwali li jkun jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-artikolu 18(1) jew li jkun jikkonforma ma' ħtiġiet ta' żvelar ekwivalenti.

(12) L-ekwivalenza msemmija fis-subartikolu (11)(b), (ċ), (d) u (e) għandha tiġi valutata mill-Bord.

(13) Il-persuni kollha reġistrati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom javżaw lill-Bord bil-miktub b'kull bdil fl-informazzjoni li jkun hemm fir-reġistru li jappartjeni għalihom. Dak l-avviż għandu jkun iffirmat mid-detentur ta' *warrant*, detentur ta' ċertifikat ta' prattika, awditur ta' pajjiż terz, rappreżentant awtorizzat kif imiss tad-ditta reġistrata jew ta' l-entità ta' awditjar ta' pajjiż terz u jitwassal lill-Bord sa mhux iżjed tard minn dak iż-żmien li jista' jiġi preskritt mill-Bord għal dak l-għan:

Iżda l-Bord jista' jistabbilixxi proċeduri biex in-notifika ta' avviż imsemmi f'dan is-subartikolu ssir b'mezzi elettroniċi.

(14) Ir-reġistru għandu jiġi aġġornat mingħajr ebda dewmien u f'kull każ mhux iżjed tard minn erba' ġimgħat wara li jingħata l-avviż imsemmi fis-subartikolu (13).

(15) Ir-reġistru għandu jkun elettronikamennt disponibbli fuq il-*website* tal-Bord.

(16) Il-Bord għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(b) permezz ta' kumitati dixxiplinari li jinħatru għar-rigward ta' kull proċediment partikolari u li f'kull każ ikunu magħmulin minn ħames membri appuntati mill-Bord, tnejn minn lista ta' mhux inqas minn għaxar persuni li tiġi ippreżentata lil dak il-Bord kull sena minn korpi ta' *accountancy* approvati u mit-tliet membri li jifdal, mill-anqas wieħed għandu jkun persuna li jkollha *warrant* taħt l-artikolu 4(1) li tkun eżerċitat il-professjoni għal dak il-perjodu li jista' jiġi preskritt. Il-Bord għandu jaħtar lil wieħed minn dawk il-membri lil persuna li tkun detentur ta' *warrant* jew persuna li kienet detentur ta' *warrant* biex toqgħod bħala *Chairman* tal-kumitat dixxiplinari.

(17) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa mogħtija lill-kumitat dixxiplinari taħt l-Att jew regolamenti jew direttivi

maħruġin taħtu, il-kumitat dixxiplinari jkollu s-setgħa jimponi multi amministrattivi kontra kull persuna fil-każ ta' mġieba mhux professjonali u proċedimenti dixxiplinari oħra li f'kull każ m'għandhomx jeċċedu t-tnax-il elf euro (12,000.00).

(18) Il-Bord jista' bil-qbil tal-Ministru jiddelega, taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jista' jqis li jkunu adatti u bla ħsara għas-sorveljanza jew kontroll tiegħu, dawk il-funzjonijiet li jappartjeni lilu, li ma jkunux dawk taħt is-subartikolu (1)(b) jew dawk taħt l-artikolu 4, lil korp ta' *accountancy* approvat.

(19) Il-Bord għandu jippubblika rapport annwali li jkun jinkludi dettalji tal-programm ta' ħidma tiegħu annwali, rapporti ta' attività, deskrizzjoni tax-xogħol magħmul mill-kumitat dixxiplinari, ġabra tax-xogħol li jsir għar-rigward ta' assikurazzjoni ta' kwalità u dawk l-affarijiet l-oħra kollha li l-Bord iqis li jkunu relevanti.

(20) Ir-rapport annwali għandu jiġi pubblikat mhux iżjed tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

53. (1) L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(a) it-twaqqif u t-tifsir ta' *standards* tal-kontijiet u l-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati li japplikaw għar-rigward tal-preparazzjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' entitajiet.";

(b) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) it-twaqqif u t-tifsir ta' *standards* ta' awditjar u l-prinċipji u l-prattika ġeneralment aċċettati ta' awditjar u dmirijiet u prattiċi oħra li għandhom jiġu segwiti minn awdituri, sew b'mod ġenerali sew f'oqsma partikolari ta' attività.";

(ċ) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jitħassar;

(d) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ);

(e) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d) u minnufih wara l-kliem "li jkollha *warrant"* għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ċertifikat ta' prattika";

(f) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (e) u minnufih wara l-kliem "li jkollhom *warrant*" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ċertifikat ta' prattika";

(g) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jitħassar;

(h) il-paragrafu (h) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (f);

(i) il-paragrafu (i) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (g);

(j) il-paragrafi (j) u (k) tiegħu għandhom jitħassru;

(k) il-paragrafu (l) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (h) u minflok il-kliem "tal-Bord; u" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Bord;";

(l) minnufih wara l-paragrafu (h) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied il-paragrafu (i) ġdid kif ġej:

"(i) l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/43/KE;"; u

(m) il-paragrafu (m) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (j).

(2) Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli (2) sa (5) li ġejjin:

"(2) Il-Bord jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, joħroġ direttivi jew linji gwida li jkunu jirregolaw l-attività ta' detentur ta' *warrant*s u ta' detenturi ta' ċertifikati ta' prattika dwar dawn li ġejjin:

(a) l-imġieba professjonali ta' detenturi ta' *warrant* u ta' detenturi ta' ċertifikat ta' prattika, il-kodiċi ta' etika, *standards* ta' kompetenza u integrità u indipendenza li għandhom jinżammu mill-professjoni;

(b) il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tinkiseb minn detentur ta' *warrant* jew minn detentur ta' ċertifikat ta' prattika, jew mill-impjegati tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol li jsir jew servizzi mogħtijin fir-rigward tal-professjoni ta' l-*accountancy*;

(ċ) ir-reklamar u l-pubbliċità li jistgħu jsiru minn detentur ta' *warrant*s u detenturi ta' ċertifikat ta' prattika;

(d) il-ksib ta' xogħol professjonali;

(e) il-mod kif esperjenza għall-finijiet ta' l-artikolu 3(2)(e) jew li tista' tkun meħtieġa biex jinkisbu ċertifikati ta' prattika taħt l-artikolu 4(2), u l-persuni li dik il-prattika u esperjenza jkunu jistgħu jsiru magħhom;

(f) il-kontijiet ta' klijenti u flus li jinżammu f'isem il-klijenti u terzi;

(g) l-edukazzjoni professjonali kontinwa;

(h) it-twaqqif u t-tħaddim ta' assikurazzjoni ta' sistema ta' kwalità;

(i) it-tifsir u l-interpretazzjoni ta' regolamenti maħruġin taħt is-subartikolu (1);

(j) il-pieni, penalitajiet u konsegwenzi oħra u l-effett li persuna tista' tinkombi jew li jista' jseħħ fil-każ ta' xi kontravenzzjoni jew non-konformità mad-disposizzjonijiet ta' xi direttiva, b'dan illi dawn ma jistgħux jeċċedu dawk il-parametri li jistgħu jiġu stabbiliti fl-Att;

(k) l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/43/KE;

(l) l-għoti ta' dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa mingħand id-detenturi ta' *warrant* u d-detenturi ta' ċertifikat ta' prattika mill-Bord sabiex dan ikun jista' jwettaq xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att;

(m) it-twaqqif ta' sistema ta' reġistrazzjoni u tiġdid għal *warrants* u ċertifikati ta' prattika; u

(n) dawk l-affarijiet l-oħra kollha li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti.

(3) Id-direttivi u linji gwida li jinħarġu skond is-subartikolu (2) għandhom jiġu pubblikati:

(a) fil-Gazzetta; jew

(b) mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi f'publikazzjoni separata u l-fatt li l-publikazzjoni tagħhom jiġi avżat fil-Gazzetta flimkien ma' informazzjoni dwar fejn il-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaraw dik il-publikazzjoni jew jiksbu kopji tagħha.

(4) Direttivi u linji gwida maħruġin skond is-subartikolu (2) m'għandhomx ikunu operattivi qabel ma tiskadi ġimgħa mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta skond m'hemm fis-subartikolu (3), jew xi data oħra li tiġi aktar tard skond ma jista' jiġi speċifikat fihom.

(5) Regolamenti, direttivi jew linji gwida magħmulin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu isiru bl-ilsien Ingliż biss.".

54. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta żewġ persuni jew aktar ikunu bi ħsiebhom jaħdmu flimkien bħala *accountants*, huma jistgħu jiffurmaw ditta ta' *accountancy* li jkollha bħala wieħed mill-iskopijiet ewlenin tagħha l-prattika ta' l-*accountancy*:

Iżda biex ditta ta' l-*accountancy* teżerċita l-prattika ta' ditta ta' l-awditjar din tkun meħtieġa li jkollha bħala wieħed mill-iskopijiet ewlenin tagħha l-prattika ta' l-awditjar u għandha tadempixxi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti minn żmien għal żmien:

Iżda wkoll ebda servizz ieħor provdut minn dawk id-ditti m'għandu jkun inkompatibbli ma' l-għan ewlieni tagħhom, kif hawn qabel imsemmi.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Meta ditta ta' *accountancy* tkun awtorizzata taġixxi bħala ditta ta' awditjar, din tista' tindika dak il-fatt fl-isem tad-ditta jew flimkien miegħu skond il-każ.";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Ebda persuna ma tista' tkun prinċipal f'ditta ta' *accountancy* li ma tkunx ukoll ditta ta' awditjar kemm-il darba dik il-persuna:

(a) ma tkunx detentur ta' *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 4(1); jew

(b) ma tkunx persuna ta' fama tajba u ma tkunx kwalifikata kif imiss għax ikollha jew kwalifiki akkademiċi jew professjonali, jew esperjenza.";

(d) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(4) F'ditta ta' *accountancy* li ma tkunx ukoll ditta ta' awditjar il-persuni li jinsabu elenkati fis-subartikolu (3)(a):

(a) għandu jkollhom iżjed minn ħamsin fil-mija tad-drittijiet ta' votazzjoni fid-ditta; u

(b) għandhom ikunu jikkostitwixxu iżjed minn sittin fil-mija mill-korp amministrattiv jew ta' maniġġ tad-ditta:

Iżda fil-każ ta' ditta ta' *accountancy* li jkollha bħala sidien tagħha, tkun amministrata u kontrollata minn żewġ individwi, ikun meħtieġ individwu wieħed biss li jkun joqgħod fuq il-korp amministrattiv jew ta' maniġġ tad-ditta biex jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fis-subartikolu 3(a).";

(e) minflok is-subartikolu (5) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Ebda persuna ma tista' tkun prinċipal f'ditta ta' awditjar kemm-il darba dik il-persuna:

(a) ma jkollhiex ċertifikat ta' prattika biex teżerċita l-prattika fis-settur ta' l-awditjar; jew

(b) ma tkunx ditta ta' awditjar li jkollha reputazzjoni tajba kif approvata f'xi Stat Membru ieħor; jew

(ċ) ma tkunx persuna ta' reputazzjoni tajba u tkun kwalifikata kif imiss għax ikollha jew kwalifiki akkademiċi jew professjonali, jew esperjenza.";

(f) minflok is-subartikolu (6) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Ditta ta ' awditjar għandu jkollha reputazzjoni tajba u għandha wkoll tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-individwi li jagħmlu l-awditjar f'isem id-ditta ta' l-awditjar għandu jkollhom ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar;

(b) il-maġġoranza tad-drittijiet ta' votazzjoni fid-ditta ta' awditjar għandhom ikunu miżmuma mid-ditta ta' awditjar jew mid-ditti ta' awditjar approvati f'xi Stat Membru jew minn individwi li jkollhom ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar; u

(ċ) sittin fil-mija tal-korp amministrattiv jew ta' maniġġ tad-ditta ta ' awditjar għandu jkun magħmul minn ditta ta' awditjar jew ditti ta' awditjar approvati f'xi Stat Membru jew minn individwi li jkollhom ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar:

Iżda fil-każ ta ' ditta ta' l-awditjar li jkollha bħala sidien tagħha, tkun amministrata u kontrollata minn żewġ individwi, ikun meħtieġ biss wieħed mill-individwi li joqogħdu fuq il-korp amministrattiv jew ta ' maniġġ tad-ditta ta' l-awditjar biex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (6).";

(g) minflok is-subartikolu (7) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(7) Meta ditta tkun ġiet iffurmata kif imiss skond il-liġi, din għandha tiġi reġistrata mal-Bord, u malli ssir dik ir-reġistrazzjoni, il-prinċipali għandhom, matul dak iż-żmien li tkun għadha hekk reġistrata, ikunu awtorizzati mill-Bord li jaġixxu, f'isem u għan-nom tad-ditta u meta jkun japplika, li jġibu għall-konoxxenza tal-pubbliku l-fatt li d-ditta tista' tiffunzjona settur tal-professjoni ta' *accountant* li dwaru jista' jkun meħtieġ ċertifikat taħt l-artikolu 4(2); u fil-każ ta' ditta ta' *accountancy* din ikollha l-jedd skond dan li tuża t-tismija *accountants* pubbliċi ċertifikati u l-abbrevjazzjoni "CPAs.";

(h) minflok is-subartikolu (8) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(8) Meta ditta ta' awditjar tagħmel xi awditjar, ir-rapport ta' dak l-awditjar għandu mill-inqas ikun iffirmat mill-awditur individwali li jkun qiegħed jagħmel l-awditjar għan-nom tad-ditta ta' awditjar.";

(i) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu (9) ġdid kif ġej:

"(9) Kull ditta reġistrata taħt dan l-artikolu għandha tagħti lill-Bord dik l-informazzjoni li l-Bord jista' jkun raġonevolment jeħtieġ jew skond ma jista' jkun preskritt, u għandha tavża lill-Bord b'kull bidla rilevanti f'xi informazzjoni li tkun ġiet qabel mogħtija lilu fi żmien ħmistax-il ġurnata wara d-data meta tibda sseħħ il-bidla.";

(j) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu (10) ġdid li ġej:

"(10) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra u minkejja kull ftehim għall-kuntrarju, il-prinċipali jkunu responsabbli li jżommu kull *standard* u mġieba professjonali meħtieġa inkluż kull Kodiċi ta' Etika li jista' jkun japplika, u jkunu ġeneralment responsabbli għat-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra applikabbli.";

(k) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu (11) ġdid li ġej:

"(11) Kull persuna li tuża t-tismija "accountants pubbliċi ċertifikati" jew l-abbrevjazzjoni "CPAs" u, jew, li ġġib għall-konoxxenza tal-pubbliku l-fatt li l-pussess ta' xi ċertifikat partikolari dwar ditta li ma tkunx reġistrata taħt dan l-artikolu jew b'kull mod ieħor ikun xjentement jagħmel użu minn isem li b'mod qarrieqi jkun jimplika l-eżistenza ta' dik id-ditta, jew li dik id-ditta tkun reġistrata, jew tkun tista' xort'oħra leġittimament tiffunzjona, taħt dan l-artikolu, jew tagħmel kull att ieħor li jkun meqjus li jwassal għall-intendiment li xi fatti minn dawk hawn qabel imsemmija jeżistu meta attwalment dawn ma jkunux, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab hekk ħatja, għal kull reat, għar-rigward ta' l-ewwel reat teħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(2,329.37), u għar-rigward tat-tieni reati jew ta' reati sussegwenti teħel multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwat multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat."; u

(l) minnufih wara s-subartikolu (11) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu (12) ġdid li ġej:

"(12) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3(5) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' ditta taħt dan l-artikolu l-istess bħal ma japplikaw għall-ħruġ ta' *warrant* taħt dan l-Att." .

55. L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull ditta iffurmata taħt l-artikolu 10 u kull detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika, għandu, matul dak iż-żmien kollu li jkollu pussess ta' dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jew, skond ma jista' jkun jeħtieġ il-każ, matul dak iż-żmien kollu li tkun hekk iffurmata, u wara dak iż-żmien dwar xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir matul dak iż-żmien, tkun koperta b'assigurazzjoni għal indennizz, minn dik il-kumpannija, b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jista' jkun preskritt, kontra kull responsabbiltà li dawk il-persuna jew ditta jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu kumpens għalihom fir-rigward ta' kull telf jew ħsara li klijent jew xi persuna oħra tista' ġġarrab bħala riżultat ta' xi att negliġenti, żball jew ommissjoni magħmula minn xi persuna jew ditta bħal dawk, jew minn xi prinċipal tagħha, jew minn xi impjegat tagħhom, meta jkunu qegħdin iwettqu l-funzjonijiet tagħhom kif ukoll dwar kull talba kontra fir-rigward ta' xi telf jew ħsara kaġunati jew istigati permezz ta' xi att diżonest, frawdolenti, kriminali jew qarrieqi, jew ommissjoni, ta' xi impjegat tagħhom." ;

(b) fis-subartikolu (2)(a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ċeda l-*warrant*" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ċertifikat ta'

prattika", u minflok il-kliem "soċju jew eżerċitant" għanda tidħol il-kelma "prinċipal";

(ċ) fis-subartikolu (3)(a) tiegħu, minflok il-kliem "detentur tal-*warrant* ta' *accountant*" għandhom jidħlu l-kliem "detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika", minnufih wara l-kliem "hu ma jkunx ipprattika l-professjoni ta' *accountant*" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ta' awditur", u minflok il-kliem "ma kienx sejjer jipprattika l-professjoni ta' *accountant*." għandhom jidħlu l-kliem:

"ma kienx sejjer jipprattika l-professjoni ta' *accountant* jew ta' awditur";

(d) fis-subartikolu (3)(ċ) tiegħu, minflok il-kliem "kull min huwa detentur tal-*warrant* ta' *accountant*" għandhom jidħlu l-kliem "kull min huwa detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika"; u

(e) fis-subartikolu (3)(ċ)(ii) tiegħu, minflok il-kliem "soċjetà ta' *accountants*" għandhom jidħlu l-kliem "ditta";

(f) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kelma "soċjetà" għandha tidħol il-kelma "ditta";

(g) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "jew soċjetà" għandhom jitħassru; u

(h) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 12, 13, 14 u 15 ta' l-Att prinċipali.

56. Minflok l-artikoli 12, 13, 14 u 15 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

12. Kull persuna li taġixxi jew tonqos milli taġixxi bi ksur tad-dmir professjonali li jkollu bħala *accountant* jew awditur, tista', jekk dak l-att jew ommissjoni jkunu jammontaw għal diżonestà jew mġieba ħażina gravi, meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal perjodu ta' mhux inqas minn sena u ta' mhux iżjed minn ħames snin, u l-qorti tista' wkoll timponi fuq dik il-persuna multa ta' mhux iżjed minn tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (58,234.33).

13. Kull ftehim jew arranġament ieħor, skond ma jista' jiġi preskritt mill-Ministru, li jkollu l-għan li jeżenta lil detentur ta' *warrant* jew lil detentur ta' ċertifikat ta' prattika,

minn kull responsabbiltà, oneru jew dmir li għandhom x'jaqsmu ma' l-awditjar statutorju, ħlief taħt polza ta' l-assigurazzjoni maħruġa taħt l-artikolu 11, biex detentur ikollu indennizz kontra xi responsabbiltà jew oneru bħal dawk, ikun null u bla effett.

14. Fil-każ ta' xi ksur ta' xi regoli taħt dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew direttivi maħruġin taħtu, il-Bord ikollu s-setgħa li jimponi pieni amministrattivi u ċanfir, u li jieħu dawk kull miżura oħra li jista' jqis li tkun adatta skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

15. (1) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 14, *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jkunu sospiżi jew assoġġettati għal kundizzjonijiet oħra, u r-reġistrazzjoni ta' ditta taħt l-artikolu 10 tista' tkun sospiża, mħassra jew assoġġettata għal kundizzjonijiet oħra, mill-Bord, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, meta l-persuna lil min dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika kienu maħruġa jew d-ditta jew xi ħadd mill-prinċipali tad-ditta:

(a) ikunu nstabu ħatja, wara inkjesta li tkun saret mill-kumitat dixxiplinari maħtur taħt l-artikolu 7 (16), ta' xi wieħed minn dawn l-atti jew ommissjonijiet li ġejjin:

(i) diżonestà, mġieba ħażina gravi jew negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu;

(ii) kontravenzjoni materjali ta' regolamenti li jirrigwardaw *standards*, prattiċi jew integrità professjonali;

(iii) mġieba gravi li tnaqqas mill-kreditu tal-professjoni;

(iv) nuqqas ta' konformità ma' xi kundizzjoni li jkun hemm fil-*warrant* jew fiċ-ċertifikat ta' prattika taħt is-subartikolu (5) meta dak in-nuqqas ikun wieħed ta' xorta materjali; jew

(b) ikunu nstabu ħatja minn xi qorti tal-ġustizzja –

(i) ta' xi reat taħt dan l-Att jew ta' regolamenti

magħmulin taħtu; jew

(ii) ta' xi delitt li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li xjentement irevew proprjetà miksuba b'serq jew frodi jew ta' xi delitt li għalih hemm piena ta' priġunerija ta' iżjed minn sena.

Iżda l-Bord jista', f'kull każ imsemmi fil-paragrafi (a) jew (b) hawn qabel:

(i) jirrevoka jew jirtira ċertifikat ta' prattika; jew

(ii) jagħti parir lill-Ministru biex jirrevoka jew jirtira l-*warrant*.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(a) *warrant* jista' jiġi irtirat jew imħassar mill-Ministru fuq talba tad-detentur ta' *warrant* li tkun indirizzata lill-Bord;

(b) ċertifkat ta' prattika jista' jiġi irtirat jew imħassar mill-Bord fuq talba tad-detentur ta' ċertifikat ta' prattika jew tad-ditta;

(ċ) ir-reġistrazzjoni ta' ditta tista' tiġi mħassra mill-Bord fuq talba tad-ditta;

(d) *warrant* jista' jiġi revokat jew imħassar mill-Ministru li jimxi skond il-parir tal-Bord, jekk il-Bord ikun tal-fehma li jkun hemm ċirkostanzi materjali li jirrigwardaw lill-persuna lil min ikun inħareġ il-*warrant* jew li kieku ma kienx inħarġilha *warrant*, dawn kienu jiskwalifikaw lil dik il-persuna milli tikseb *warrant*;

(e) iċ-ċertifkat ta' prattika u r-reġistrazzjoni ta' ditta jistgħu jiġu revokati jew imħassra mill-Bord jekk il-Bord ikun tal-fehma li jkun hemm ċirkostanzi materjali li jirrigwardaw lill-persuna lil min ikun inħareġ iċ-ċertifikat ta' prattika jew lid-ditta li, li kieku ma kienx inħarġilha l-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jew id-ditta tkun ġiet reġistrata, skond il-każ, dawn kienu

jiskwalifikaw lil dik il-persuna milli tikseb ċertifkat ta' prattika jew lil dik id-ditta milli tiġi reġistrata.

(3) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-artikolu il-kumitat dixxiplinari għandu jaġixxi skond dawk ir-regoli u proċeduri li jistgħu jiġu preskritti; u r-riżultanzi ta' dak il-kumitat dixxiplinari għandhom ikunu soġġetti għal kull referenza ulterjuri, reviżjoni jew appell li jistgħu jiġu preskritti.

(4) Meta *warrant* jew ċertifikat ta' prattika jew reġistrazzjoni jkun ġie sospiż jew assoġġettat għal xi kundizzjonijiet jew meta ċ-ċertifikat ta' prattika jew ir-reġistrazzjoni tad-ditta jkunu ġew irtirati jew imħassra taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dik is-sospensjoni jew dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jitneħħew mill-Bord f'kull waqt; u meta l-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jkun ġie irtirat taħt is-subartikolu (2)(a) jew (b) jew ir-reġistrazzjoni mħassra taħt is-subartikolu 2(ċ), jistgħu jinħarġu *warrant* jew ċertifikat ta' prattika ġodda jew issir reġistrazzjoni ġdida f'kull waqt jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet għal dak il-ħruġ jew dik ir-reġistrazzjoni.

(5) Meta *warrant* ikun ġie revokat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, li ma jkunx is-subartikolu (1)(a)(i) u (b), għar-rigward ta' reat kontra l-artikolu 3(5), l-artikolu 10(11) jew l-artikolu 10(12), il-Ministru jista', wara li jiskadu sentejn mid-data tar-revoka, u jekk il-Bord jagħti parir f'dan is-sens, joħroġ *warrant* ġdid taħt l-artikolu 4, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Ministru bil-parir tal-Bord.

(6) Meta ċertifkat ta' prattika jkun ġie revokat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, li ma jkunx is-subartikolu (1)(a)(i) u (b), għar-rigward ta' reat kontra l-artikolu 3(5), l-artikolu 10(11) jew l-artikolu 10(12), il-Bord jista', wara li jiskadu sentejn mid-data tar-revoka, joħroġ ċertifikat ta' prattika ġdid taħt l-artikolu 4, taħt dawk il-kundizzjonijiet skond li jistgħu jiġu imposti mill-Bord.

(7) Mar-revoka jew l-irtirar ta' *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġin taħt dan l-Att, jew matul dak il-perjodu li fih dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jkunu sospiżi, il-persuna lil min il-*warrant* jew iċ-ċertifikat ta' prattika kienu maħruġin għandu jtemm milli jibqa' d-detentur ta' dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika; u meta jsir it-tħassir ta' xi

reġistrazzjoni ta' ditta taħt l-artikolu 10, jew matul dak il-perjodu li fih dik ir-reġistrazzjoni tkun sospiża, id-ditta għandha tieqaf milli tibqa' hekk reġistrata.".

Żjieda ta' l-artikoli 16, 17, 18, 19 u 20 ġodda ma' l-Att prinċipali.

57. Minnufih wara l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli 16, 17, 18, 19 u 20 li ġejjin:

"Disposizzjonijiet ġenerali dwar reati.

16. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu reati u pieni għar-rigward tiegħu m'għandhomx jaffettwaw it-tħaddim ta' kull liġi oħra li tistabbilixxi reati u pieni għar-rigward ta' l-istess atti jew ommissjonijiet u m'għandhomx, b'mod partikolari, jaffettwaw l-applikazzjoni ta' pieni aktar ħorox taħt xi liġi oħra.

(2) Għall-finijiet ta' l-artikolu 3(5) u ta' l-artikolu 10(11), l-użu fuq xi biljett, *letterhead*, sinjal, indikazzjoni, pjanċa, reklam jew xi mezz, strument jew dokument ieħor miktub, stampat jew imnaqqax, tal-kliem "*accountant* pubbliku ċertifikat" jew ta' l-abbrevjazzjoni tagħhom "CPA", kemm fl-għamla singulari jew f'dik plurali, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-isem, għandu jkun prova biżżejjed li l-persuna li dawk il-kliem jew abbrevjazzjonijiet ikunu jirreferu għal isimha, tkun taf b'dak l-użu, kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dak l-użu sar mingħajr mingħajr l-għarfien tagħha u li malli saret taf b'dak l-użu hija ħadet passi adegwati biex twaqqaf lil dan milli jibqa' jsir.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-Att:

(a) persuna m'għandhiex titqies li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jekk hija tagixxi sempliċement bħala impjegat ma' *accountant*, jew assistenta tiegħu, u ma tkunx toħroġ dikjarazzjonijiet ta' *accounting* jew ta' xorta finanzjarja bil-firma tiegħu;

(b) sal-limitu hekk preskritt, persuna m'għandhiex titqies li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jekk hija jkollha dak l-impjieg jew ikollha jew tkun tiffunzjona f'dik il-kariga, jew tkun twettaq biss dawk ix-xogħol, servizzi, atti jew funzjonijiet, li jistgħu jiġu lilha preskritti.

(4) Meta l-Bord imexxi proċeduri li jirrigwardaw mġieba professjonali ħażina u proċeduri dixxiplinari oħra skond l-artikolu 7, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal proċeduri li jistgħu jittieħdu kontra l-persuni involuti taħt id-

disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra u kull proċedura li tittieħed b'dan il-mod għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull proċedura li tista' tittieħed mill-Bord.

(5) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi li d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom jiġu applikati *mutatis mutandis* fir-rigward ta' min ikollu ċertifikat ta' prattika fis-settur ta' l-awditjar.

Avviżi f'każ ta' tkeċċija jew riżenja ta' awditur.

17. (1) L-awditur għandu jinforma lill-Bord bil-miktub fil-każ ta' xi tkeċċija jew riżenja ta' l-awditur matul iż-żmien tal-ħatra tiegħu u għandhom jagħtu spjegazzjonijiet adegwati għal dan kollu.

(2) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jsir fi żmien erbatax-il ġurnata mit-tkeċċija jew mir-riżenja skond il-każ.

Awditjar ta' Entitajiet ta' Interess Pubbliku.

18. (1) Dawk l-awdituri li jagħmlu awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jippubblikaw fuq il-*websites* tagħhom, matul tliet xhur ta' kull sena kalendarja, rapporti annwali ta' trasparenza li jkunu jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) deskrizzjoni ta' l-istruttura legali u min ikunu l-proprjetarji;

(b) meta d-ditta ta' awditjar tkun tappartjeni lil xi *network* deskrizzjoni tan-*network* u ta' l-arranġamenti legali u strutturali tan-*network*;

(ċ) deskrizzjoni ta' l-istruttura ta' governanza tad-ditta ta' awditjar;

(d) deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll ta' kwalità interna tad-ditta ta' awditjar u dikjarazzjoni mill-korp amministrattiv jew ta' maniġġ fuq l-effettività tal-funzjonament tagħha;

(e) indikazzjoni ta' meta tkun saret l-aħħar reviżjoni ta' assikurazzjoni ta' kwalità;

(f) lista ta' entitajiet ta' interess pubbliku li dwarhom l-awditur jew id-ditta ta' awditjar jkunu għamlu awditjar statutorju matul is-sena kalendarja ta' qabel;

(g) dikjarazzjoni li tirrigwarda l-prattiċi ta' l-awditur b'mod indipendenti li tkun tikkonferma wkoll li tkun saret reviżjoni interna ta' konformità ma' l-indipendenza;

(h) dikjarazzjoni dwar il-*policy* segwita mid-ditta ta' awditjar dwar l-edukazzjoni professjonali kontinwa ta' l-awdituri;

(i) it-*turnover* totali diviż fi drittijiet għal awditjar u drittijiet għas-servizzi l-oħra kollha mogħtija; u

(j) informazzjoni li tirrigwarda l-bażi għar-rimunerazzjoni tal-prinċipal.

(2) Ir-rapport ta' trasparenza għandu jkun iffirmat mill-prinċipal responsabbli għall-konformità.

(3) L-ewwel rapport dwar trasparenza għandu jiġi pubblikat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2009.

(4) Il-Bord jista' joħroġ linji gwida jew direttivi dwar l- interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu.

Prinċipal responsabbli għall-konformità.

19. (1) L-informazzjoni provduta lill-Bord taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew regoli u direttivi maħruġin taħtu għandhom jiġu iffirmati mill-prinċipal responsabbli għall-konformità.

(2) Il-Bord jista' joħroġ regoli li jkunu jippreskrivu l-użu ta' firem elettroniċi kif imfissra fl-inċiż 1 ta' l-artikolu 2 tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diembru 1999 fuq qafas Komunitarju għal firem elettroniċi.

Żvelar ta' miżuri.

20. Il-Bord għandu jiżvela lill-pubbliku kif imiss il-miżuri kollha li jittieħdu u l-penalitajiet imposti fuq awdituri skond dan l-Att jew regolamenti u direttivi maħruġin taħtu inkluż l-iżvelar adatt tal-pieni imposti. L-iżvelar meħtieġ b'dan l-artikolu jista' jseħħ permezz tar-rapport annwali li jiġi pubblikat skond m'hemm fis-subartikolu (19) ta' l-artikolu 7.".

———————

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 34 tas-16 ta' Lulju, 2008.

LOUIS GALEA
Speaker

PAULINE ABELA
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati